MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2005

Numru. 639/2005

PULIZIJA
SPETTUR VICTOR AQUILINA
SPETTUR RAMON MERCIECA
VS
MOHAMED MEGRAHI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mohamed Megrahi, ta’ 25 sena, bin Ahmed u Nurija nee’ Benghazi, imwieled f’Benzghazi il-Libya nhar is-6 t’Ottubru 1979, u residenti fl-Isptar Monte Carmeli gewwa H’Attard, numru tal-passaport Libyan 325343, u akkuzat talli fl-14 ta’ Lulju 2005, ghal habta tan-nofs siegha (12.30pm) f’dawn il-Gzejjer, u cioe’ gewwa l-Isptar Monte Carmeli f’H’Attard, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt Lira Maltin (Lm500) imma tiskorri l-hamsin Lira Maltin (Lm50), (Art 325(1)(b) tal-Kap 9).

U aktar talli fit-18 ta’ Lulju 2005, ghal habta tal-hdax ta’ filghodu (11.00am), f’dawn il-gzejjer u cioe’ gewwa l-Isptar Monte Carmeli f’H’Attard, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna ohra, liema hsara tista’ ggib periklu tal-hajja jew debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh b’likwidu li jahraq, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tal-imputat (Art 41(a), 214, 216, 217 tal-Kap 9).

U aktar talli ngurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ Dr Joseph Spiteri, ID 448562(M) u tan-nurse Konrad Joseph Aquilina, ID 465775(M), persuni nkarigati minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz (Art 95(1), 96 tal-Kap 9).

U aktar talli bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Dr Joseph Spiteri, ID 448562(M), wegghu bi kliem, b’gesti, kitba, b’disinni jew b’xi mod iehor (Art 252(1) tal-Kap 9).

U aktar talli ghamel lil Dr Joseph Spiteri, ID 448562(M) ingurji jew theddid mhux imsemmija band’ohra f’dawn il-Kodici (Art 339(e) tal-Kap 9).

U finalment talli fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 16 ta’ Marzu 2005, ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-ligi, tapplika wkoll l-Artikli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghas-sigurta’ ta’ Dr Joseph Spiteri u Nurse Konrad Joseph Aquilina.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u nfatti m'ghandhiex alternattiva ghajr li taghmel dan.  Dan qieghed jinghad minkejja dak li gie sollevat mid-Difiza fit-trattazzjoni, u cioe' illi din il-Qorti, minkejja l-ammissjoni tal-imputat, ma tistax issib htija tas-sitt akkuza, stante n-nullita' tas-sentenza tas-16 ta' Marzu 2005, u cioe' dokument VA4, li akkordat piena ta' tlett snin prigunerija sospizi ghal erba' snin, minflok sentejn sospizi ghall-istess perjodu skond l-Artiklu 28(A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:-

Illi l-gurisprudenza kostanti taghna, dejjem irriteniet illi sentenza li tghaddi in gudikat ma tistax tigi attakkata b'nullita' fuq il-bazi ta xi zball procedurali fl-otteniment taghha.  Jekk dik is-sentenza la tigi appellata u lanqas ritrattata, tghaddi in gudikat b'mod li ma tkunx izjed tista' tigi attakkata u hija rrevokabbli (ara Appell deciz 6 ta' Marzu 1991, volume LXXV part 1 and 2, 1991, page 377).

Illi di piu', din il-Qorti fl-ebda mument tal-istadju tal-proceduri, ma kellha xi forma ta' ripensament dwar l-ammissjoni da parti tal-imputat.  Illi infatti, fis-seduta tat-12 t'Awissu 2005, l-imputat ammetta, il-Qorti kienet tat lill-istess imputat zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu, u l-imputat fl-ebda mument ma rega' lura mill-ammissjoni tieghu.

Illi ghaldaqstant id-Difiza ma tistax, tramite t-trattazzjoni, tippretendi li din il-Qorti ghandha xi poter tissindika, tvarja, twarrab jew tbiddel b'xi mod sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi ghar-rigward ta' piena, din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-gravita' tal-kaz, l-ammissjoni bikrija u l-fatti speci kollha ta' dan il-kaz partikolari.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikli 325(1)(b), 41(a), 214, 216, 217, 95(1), 96, 252(1), 339(e) u 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal tlett snin u hames xhur habs, li minnhom jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel f'arrest preventiv.

Di piu', il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jassigura illi l-imputat jibqa' jinghata l-kura kollha li jehtieg.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------